# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2002**

**Numru   2**

**Avviz  numru   20/00mm**

**Marco Frendo**

**vs**

**Bezzina Bros Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-7 ta' Jannar, 2000, fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm346.50) rapprezentanti l-hlas dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur ghall-appogg da parti tas-socjeta' konvenuta ta' bini gdid fi Triq

il-Bajjada, Marsa, ma' bini proprjeta' tal-attur, u dan kif certifikat mill-Perit Saviour Borg (certifikat anness bhala Dok 'A').

Bl-ispejjez, kollha u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok il-preskrizzjoni kwinkwennali billi ghaddew diga hames snin.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi kien l-attur li baqa' diehel fuq il-proprjeta' tas-socjeta' konvenuta apparti x-xoghol kontra s-sengha u l-arti li sar.

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tat-30 ta' Mejju, 2000, is-socjeta' konvenuta spjegat l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni taghha fis-sens illi qeda tinvoga l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.  Dan l-Artikolu jippreskrivi kawza odjerna bit-terminu ta' hames (5) snin.

Biex jirribatti din l-eccezzjoni, l-attur ipproduca lil Perit Saviour Borg illi ppepara l-kont mmarkat bhala Dok A a Fol 2 tal-process.  Il-Perit Saviour Borg xehed illi meta huwa pprepara dan il-kont fl-20 ta' Lulju, 1996, huwa mar ikejjel ftit tal-granet qabel.  Hemmhekk sab illi l-fond tas-socjeta' konvenuta kien kwazi lest u issaqqaf u kien ghalhekk illi pprepara dan il-kont.

Fuq l-iskorta tax-xhieda, l-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex ragun tippreskrivi favur taghha.  Bejn wiehed u iehor ix-xoghol tlesta fl-1996 u il-kawza giet opprezentata fis-sena 2000, fejn allura lehqu ghaddew biss erba' (4) snin, f'liema zmien l-attur kien fit-terminu li jipprezenta din il-kawza kif fil-fatt ghamel.

Ghalhekk il-Qorti ghal dak illi jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tichad it-talba tas-socjeta' konvenuta u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Il-Qorti tirrileva illi minkejja li l-Qorti ddifferit il-kawza ghal diversi drabi sabiex is-socjeta' konvenuta tressaq il-provi taghha, dawn qatt ma dehru u ghalhekk trid tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza fuq il-provi migjuba mill-attur.  Dawn il-provi huma bizzejjed biex jaghtu dak il-konvenciment morali lil din il-Qorti illi l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu.

Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita' mill-kejl li pprezenta l-Perit Saviour Borg.  L-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta, li l-attur baqa' diehel fil-proprjeta' taghha u li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti ma giex bl-ebda mod ippruvat. Ghalhekk baqa' inkontestat il-kont illi pprezenta l-attur liema kont huwa wiehed gustifikat u jimmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallsu l-ammont ta' tlett mija u sitta u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm346.50) rapprezentanti l-hlas minnha

dovut ghall-appogg da parti ta' l-istess socjeta' konvenuta ta' bini gdid fi Triq il-Bajjada, Marsa, ma' bini proprjeta' tal-attur, u dan kif iccertifika il-Perit Saviour Borg (Dok 'A').

Bl-ispejjez u l-imghax legali min-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**Anthony Zammit**
**Deputat Registratur**